**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati u, skont il-bżonn, id-deċiżjonijiet li jiċħdu l-ilmenti;

— tikkundanna lill-konvenut iħalsilhom l-arretrati fuq ir-remunerazzjoni li jikkorrispondu għal aġġustamenti tas-salarji u tal-pensjonijiet tagħhom bir-rata ta' 1,7 % fl-2011 u l-2012, bħala kumpens għad-dannu materjali finanzjarju, miżjud bl-interessi moratorji bir-rata tal-Bank Ċentrali Ewropew, miżjud b'żewġ punti, mid-data tal-1 ta' Lulju 2011 u tal-1 ta' Lulju 2012;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Frar 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-35/15)**

(2015/C 146/73)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: C. Huglo, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tilqax it-talba għall-għajnuna mressqa mir-rikorrent meta kien taħt investigazzjoni fuq serq ta' fondi li kellhom imorru fil-baġit Komunitarju.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni tal-AIPN tal-21 ta' Novembru 2014, riċevuta fit-3 ta' Diċembru 2014, li ċaħdet l-ilment Nru R/865/14 ippreżentat mir-rikorrent fil-5 ta' Awwissu 2014;

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas is-somma ta' EUR 17 242,51, jew somma verjuri;

— tikkundanna lil Il-Kummissjoni Ewropea tħallas is-somma ta' EUR 3 000 għall-ispejjeż indiviżibbli kif ukoll għall-ispejjeż kollha, jew somma verjuri.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2015 ZZ u ZZ vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**

**(Kawża F-36/15)**

(2015/C 146/74)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ u ZZ (rappreżentanti: J.-N. Louis, R. Metz, N. de Montigny, D. Verbeke u T. Van Lysebeth, avukati)

*Konvenuta:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu d-drittijiet tar-rikorrenti għar-rimbors tal-ispejjeż annwali tal-ivjaġġar b'applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif emendat bir-Regolament Nru 1023/2013 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal u r-RAA.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— jannulla d-dikjarazzjonijiet tas-salarju tax-xahar ta' Lulju 2014 tar-rikorrenti peress li qed japplikaw għall-ewwel darba l-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-verżjoni fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, sabiex jiffissaw ir-rimbors tal-ispejjeż tal-ivjaġġar tagħhom;

— jikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ispejjeż.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-24 ta' Marzu 2015 – BU vs EMA**

**(Kawża F-97/14)** ([1])

(2015/C 146/75)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 7, 12.01.2015, p. 50.